


# Il-Qanpiena l-Kbira

Novella minn Peter A. Caruana

"Illum smajt lill-kappillan jgħid li ma jdumx ma jkollna qanpiena ġdida. Ikolli ngħid prezzha mhux ħażin għax diġà beda l-ġbir għall-qanpiena."

"Biex ngħidlek Grabiel, din tal-qanpiena diġà smajtha. Iżda ħadd ma jrid jidħol għax-xogħol tagħha."

"U ħallina Lonz! Ma tafx kemm hawn bravi f'dan ix-xogħol. Wasalna fi tmiem is-seklu dsatax u tgħidli li m'hawnx min jidħol għall-ħidma ta' qanpiena?"

Iż-żewġt iħbieb baqgħu jitkellmu dwar il-qanpiena l-ġdida li kellha ssir għall-knisja. Il-kappillan kellu ħsieb li l-qanpiena kellha tkun kbira biżżejjed biex tibqa' ssemma' leħinha għal bosta snin.

Wara ħafna stħarriġ, il-kumitat li kien magħmul apposta għax-xiri tal-qanpiena, iddeċieda li jara jekk isibx lil xi ħadd biex jiffonda l-qanpiena fl-Italja. Ħadd ma laqa' t-talba għaliex iż-żmien li l-Balzanin xtaqu l-qanpiena lesta, kien qasir wisq. It-talba għall-fondazzjoni tal-qanpiena reġgħet bdiet torqod. Għaddew is-snin u ħadd ma tkellem aktar dwar il-qanpiena għajr li kultant jerġa' joħlom xi ħadd li jrid jisma' leħen qanpiena ġdida mill-kampnar.

Iż-żewġt iħbieb, Grabiel u Lonzu, sikwit kienu jiltaqgħu fuq iż-zuntier tal-knisja. Kienu jħobbu jisimgħu l-quddiesa tas-sebgħa. Wara fuq iż-zuntier biex jgħidu kelma flimkien. Kienu jdumu flimkien sakemm Grabiel kien jgħid li ried imur sal-ħanut biex jgħin lil ibnu f'xi biċċa xogħol. Maż-żewġt iħbieb, bosta drabi kien jiltaqa' Wiġi ta' Matti. Ħalli għalihom it-tlett ixjuħ kemm kienu jqasstu fuq dak u l-oħra u x-xogħol li għamlu f'ħajjithom! Wiġi kien itaqtaq daqs tellerita u tista' tgħid li meta kien ikun hemm hu, dejjem bil-ħabel f'idejh. Bosta drabi Grabiel u Lonzu kienu jibqgħu kwieti jħallu lil Wiġi jparla. Kliemu mhux dejjem ikun vojt, għax meta jaqbadha dwar Ħal Balzan, kien jaf sewwa xi jgħid. Kien jaqla' għadd t'erwieħ mill-qabar u jsemmi dak li kienu jagħmlu flimkien. Għalkemm xagħru bajda daqs is-silġ, kienet għadha troffa f'saħħitha fuq ir-ras. Wiġi kien baħri u ħalli għalih meta kien jaqbadha fuq is-safar! Ħadd ma kien hemm min imerih. Imma Wiġi kien magħruf għall-qalb tajba li kellu u l-karità li kien jagħmel. Ir-raħal kollu kien iħobbu u fi triqtu dejjem jieqaf jitkellem ma' dak u ma' dik. Għalih kulħadd aħwa, l-aktar jekk ikun minn raħlu, Ħal Balzan.

Grabiel kien mastrudaxxa ta' sengħa kbira waqt li Lonzu kien neguzjant tal-qoton. Tfulithom għaddewha dejjem f'Ħal Balzan u għalkemm meta kienu żgħażagħ ħadu s-sengħa ta' missierhom, baqgħu jgħixu dejjem f'raħalhom. Bosta drabi Lonzu kien jeħtieġlu jħalli pajjiżu minħabba x-xogħol li kellu.

Iż-żmien għadda u ż-żewġt ixjuħ baqgħu ħbieb forsi aktar minn żmien iż-żgħożija. Iżda kif jgħid il-qawl, iż-żmien isajru l-bajtar. U ż-żewġt iħbieb kienu jħossu ħajjithom tabilħaqq misjura. Sikwit kienu jħossu l-għejja u l-frott misjur tax-xjuħija. Grabiel kien għadu jmur fil-ħanut li kellu u li kien ta' missieru. Issa ħalla kollox f'idejn it-tifel. Ma kienx jagħmel xi xogħol ta' kedd għaliex issa s-saħħa ma kinitx tħallih, imma dejjem kien jagħti l-fehma tiegħu meta jkun mitlub. Min-naħa l-oħra Lonzu ma kellu 'l ħadd. Il-mara tiegħu kienet


Il-Qanpiena l-Kbira fi Triqitna lejn Ħal Balzan nhar it-28 ta' Novembru 1948. Dan ir-Ritratt meħud fi Triq il-Kbira l-Ħamrun. Il-Qanpiena l-Kbira ġiet mtella' fil-Kampnar tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fit-2 ta' Jannar 1949.

ilha snin li mietet u tfal ma kellux. Sikwit kien iħoss ruħu waħdu u jitħasseb meta jiftakar li saħħtu kienet ħallietu. Mhux l-ewwel darba l-kliem kien jiġi bejn iż-żewġt iħbieb u Lonzu kien jgħid:

"Ma nafx x'irrid nagħmel. Fir-raħal m'għandi 'l ħadd."

U hawn Grabiel kien jgħidlu:

"Imma int għandek min jiġi minnek. Dejjem issemmili t-tifla t'oħtok. Qatt m'għidtilha xi kelma?"

"Qatt m'għidtilha xejn. Fuq kollox dik ma toqgħodx hawn," kien iwieġeb Lonzu. "Hemm it-tifel ta' ħija li wkoll hu miġbur ma' familtu. Imma l-istess ma joqgħodx hawn."

"Issibha bi tqila li tmur tgħix ma' xi ħadd minnhom? Naħseb mhux se jgħidulek le!"

"Xi jgħidu ma nafx. Qatt m'għidtilhom xejn. Jiġu jarawni imma qatt m'urejthom bil-ħajja tqila li qed ngħix bħalissa. Fuq kollox, Grabiel, jien twelidt Ħal Balzan, għixt f'dan ir-raħal u hawn irrid immut."

Ma' dan il-kliem ta' Lonzu, id-diskors kien idur fuq xi ħaġa oħra. Għax Grabiel ukoll kien jaħsibha bħal sieħbu, fejn twieled irid imut.

Il-ħajja baqgħet għaddejja. Il-kliem bejn iż-żewġt iħbieb aktarx li kien ikun fuq dawk li jiftakru meta kienu żgħar. Qrib il-festa tas-sena 1889, li kienet tiġi ċċelebrata nhar il-25 ta' Marzu u li dan il-jum kien ukoll magħdud bħala festa, Grabiel u Lonzu, kienu bħas-soltu bilqiegħda fuq ix-xifer taz-zuntier li kien imżejjen għall-festa li kienet riesqa. Kienu qed jitħaddtu dwar il-koppla tal-knisja li kienet tnaqqxet minn żagħżugħ Balzani. Lonzu wera li dik l-għodwa ma kienx fiha u sikwit kien iħoss bħal għamad quddiem għajnejh. Dar fuq sieħbu u b'leħen kemxejn jinstema' talbu jwasslu sad-dar. Grabiel sejjaħ għall-għajnuna għax ma kienx jiflaħ iwassal lil Lonzu waħdu.

Meta wasslu lil Lonzu d-dar, qegħduh fuq is-sodda u sejħu għal tabib. Grabiel baqa' ħdejh iżommlu id. Sakemm wasal it-tabib, Lonzu stqarr fejn kien ikollu l-flus u ried li dawn jitħallew għall-qanpiena tal-knisja.

"Ilni ħafna biex ngħidlek, Grabiel," qal Lonzu kemxejn jinstema'. "Għid lill-kappillan biex il-qanpiena ssir għand Ġulju Cauchi, wieħed mill-aħjar fundaturi tal-qniepen li għandna f'Malta." Lonzu waqaf. Leħnu kien maqtugħ u għalkemm kien qed jieħu nifs qawwi, ħassu bħal qisu jifga. Meta ħass li setà jkompli, Lonzu qal lil Grabiel.

"Cauchi joqgħod Bormla. Issa mur iġbor dawk il-flus li semmejtlek."

Lonzu ma felaħx aktar. Instema' jieħu nifs qawwi u baqa' mimdud fuq is-sodda li kien. Meta wasal it-tabib u ħares lejn Lonzu, deher iċaqlaq kemxejn rasu u waqt li ħares lejn dawk li kien hemm fil-kamra qal:

"Lonzu ħalliena."

Il-mewt ta' Lonzu ġriet ma' Ħal Balzan kollu. Xi wħud qalu li kien xieraq li titħassar il-festa, iżda kemm il-kappillan kif ukoll ħafna mill-Balzanin ma xtaqux li l-festa titħassar. Kienu jmutu tant nies u l-festa ssir kull sena, għandha ma ssirx il-festa din is-sena?

U l-festa saret. Il-musketterija li kien jispara Lonzu minn fuq il-bejt tad-dar tiegħu waqt li tkun għaddejja l-Madonna mit-triq, dik is-sena ma nstemgħetx. Meta kien għadda xi xahar fuq il-mewt ta' Lonzu, Grabiel sab lill-kappillan u qallu dak kollu li kien sema' mingħand ħabibu.

"Il-flus qegħdin għandek kif qallek Lonzu?" staqsa l-kappillan bħal donnu ma jridx jemmen.

"Iva sinjur. Kollox kif qalli Lonzu għamilt. Għalkemm tani l-muftieħ tad-dar, jien qatt ma rsaqt 'l hemm."

Il-kappillan sejjaħ lil żewġ saċerdoti mir-raħal u qalilhom biex imorru miegħu fid-dar ta' Grabiel. Dan kien qed jistenniehom fejn il-bieb. Grabiel stieden lit-tliet saċerdoti jidħlu ġewwa. Ħassu ferħan li issa kien ser jeħles mit-toqla li kellu u kien se jwettaq dak li xtaq sieħbu. Il-kappillan baqa' dieħel wara Grabiel. Dan waqaf ħesrem u qal lill-kappillan biex minn taħt il-gradenzina li kien hemm ħdejhom, iġib il-landa li ħalla Lonzu. Grabiel ma kienx jiflaħ jitbaxxa. F'landa li kienet bdiet tissaddad, meta nfetħet dehret somma ġmielha ta' flus.

Il-kappillan ħa l-parir mingħand il-kumitat li reġa' twaqqaf apposta għax-xiri tal-qanpiena. Flimkien ma' tlieta oħra mar għand Ġulju Cauchi fil-fonderija li kellu u hemm ftehmu dwar il-qanpiena li l-Balzanin kien ilhom żmien imxennqa li jkollhom.

Fis-sena 1890, il-qanpiena li swiet mitejn lira, tbierket u ngħatat l-isem ta' *Annunziata*, għax-xewqa ta' Lonzu li ried li tissemma hekk għat-titular u għall-isem li kellha martu.

Meta fid-19 ta' Marzu, 1925 l-Arċisqof Mawru Caruana bierek il-qniepen il-ġodda li kienu nġiebu mill-fonderija Franċiża li ġġib l-isem ta' *Pierre Paccard,* il-qanpiena ***x-Xiħa*** kif għadha magħrufa sal-lum, daħlet mal-erba' qniepen li kienu nġiebu. Ta' min jgħid li l-fonderija *Paccard* fl-1949 kienet għamlet qanpiena oħra akbar biex taqbel mas-sett qniepen li diġà kien hemm. B'hekk illum, f'Ħal Balzan insibu sitt qniepen b'ton mill-isbaħ li jgħaxxaq lil kull min jismagħhom.

Din il-kitba hi għalkollox fittizzja

Kull xebh fil-personaġġi huwa b'kumbinazzjoni